MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 163/2012

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**King Tracey Anne (K.I. 44347A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma t' elf, mija u erbatax-il ewro u disgha u tmenin centezmu (€1114.89) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizz ta' kommunikazzjoni bin-numru 79355363 bl-akkont numru A/C51074435 u dan skont kuntratt tat-08 ta' Gunju, 2010.

Illi l-konvenuta giet interpellata tghaddi ghal hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali 4244/2011.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu nhar l-04 t' Ottubru, 2012, mill-Avukat Keith Grech u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont t' elf, mija u erbatax-il ewro u disgha u tmenin centezmu (€1114.89) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------